32005R0493

21.3.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 82/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru. 493/2005

tas-16 ta' Marzu 2005

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fin-Nomenklatura Magħquda, stabbilit fl-Anness I mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1], il-kodiċi NM għal *monitors* huma 8471 u 8528.

(2) Għall-klassifikazzjoni ta' *monitors* 'il barra mit-titolu 8528 jeħtieġ li ċerti kondizzjonijiet jiġu sodisfatti. Il-konverġenza tat-teknoloġija ta' l-informatika, l-industriji ta' l-elettronika tal-konsumatur u teknoloġiji ġodda ħolqot sitwazzjoni fejn qed isir impossibbli, meta wieħed jikklassifika l-*video monitors*, li jkun determinat, b'referenza għall karatteristiċi tekniċi sempliċi, l-iskop prinċipali ta' *monitor* speċifiku Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej jirriżulta li l-klassifikazzjoni ma tistax tkun ibbażata fuq l-użu li jsir minnu. Il-klassifikazzjoni korretta ta' kull prodott hija bbażata fuq *data* oġġettiva u kwantifikabbli. Bħalissa mhux possibbli li jkunu stabbiliti kriterji li jissodisfaw din il-ħtieġa mingħajr ambigwitajiet.

(3) Id-*data* kummerċjali qed turi li bħalissa l-*video monitors* li jużaw it-teknoloġija ta' l-*iscreen* bi kristalli likwidi, bi *screen* ta' daqs djagonali ta' 48.5 cm jew inqas, u ta' *screen aspect ratio* ta' 4:3 jew 5:4, qed jintużaw l-aktar bħala unitajiet ta' *output* ta' magni awtomatiċi li jipproċessaw id-data. Iżda, dawn il-*monitors* ta' sikwiet huma kapaċi jirriproduċu stampi video minn għejun oħra differenti mill-magni awtomatiċi li jipproċessaw id-*data* u għalhekk ma jissodisfawx il-kondizzjoni li jkunu biss jew prinċipalment użati ma' magni bħal dawn. Għalhekk dawn il-*monitors* mhumiex koperti mill-Ftehim dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-teknoloġija ta' l-informatika [2], jew mill-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tiegħu, li ġew it-tnejn li huma approvati f'isem il-Komunità permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/359/KE ta' l-24 ta' Marzu 1997 li tirrigwarda t-tneħħija ta' dazji minn fuq prodotti tekonoloġiċi ta' l-informatika [3].

(4) Huwa fl-interess tal-Komunità li tissospendi għal kollox, għal perijodu limitat, it-tariffi awtonomi tad-Dazji Doganali Komuni għall-*monitors* li jużaw it-teknoloġija ta' l-*iscreen* bi kristalli likwidi, bi *screen* ta' daqs djagonali ta' 48.5 cm jew inqas, u ta' *screen aspect ratio* ta' 4:3 jew 5:4 u li huma klassifikabbli taħt il-kodiċi NM 8528 21 90. Għalhekk din il-miżura għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix li jestendiha.

(5) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu għalhekkjiġi emendat.

(6) Minħabba li l-emenda introdotta permezz ta' dan ir-Regolament għandha tiġi applikata mill-istess data tan-Nomenklatura Magħquda għas-sena 2005 stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1810/2004 [4], dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament u japplika mill-1 ta' Jannar 2005,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-Kapitolu 85, is-Sezzjoni XVI tat-Tieni Parti, l-Iskeda tad-Dazji Doganali, ta' l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, it test fil-kolonna 3 għall-kodiċi NM 8528 21 90 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"14 (*)

(*) Dazju doganali sospiż awtonomament, sal-31 ta' Diċembru 2006, għal *monitors* bi *screen* ta' daqs djagonali ta' 48.5 cm jew inqas, u ta' *screen aspect ratio* ta' 4:3 jew 5:4 (kodiċi TARIC 8528 21 90 30)."

(1) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1989/2004 (ĠU L 344, 20.11.2004, p. 5).

(2) ĠU L 155 tat 12.6.1997, p. 3.

(3) ĠU L 155 tat 12.6.1997, p. 1.

(4) ĠU L 327, 30.10.2004, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar is-16 ta' Marzu 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ASSELBORN